MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
JOSEPH BONNICI**

Seduta tat-13 ta' Frar, 2006

Talba Numru. 1175/2005

**Atlas Insurance Limited (C 5601) kif surrogati bil-ligi u bil-polza fid-drittijiet tal-assigurata taghhom Jennifer Portelli (ID 130061M) u l-istess Jennifer Portelli f'isimha proprju**

**Vs**

**Camilleri Domnic**

It-Tribunal,

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-27 ta' Mejju 2005 fejn is-socjeta` attrici talbet sabiex il-konvenut ihallas is-somma ta' Lm221.41 (mitejn u wiehed u ghoxrin Lira Maltin u wiehed u erbghin centezmu) rapprezentanti danni ikkagunati f'incident awtomobilistiku.

Fl-Avviz tat-talba intqal li:-

Is-somma komplessiva ta' Lm221.41 (mitejn u wiehed u ghoxrin Lira Maltin u wiehed u erbghin centezmu), jew

somma verjuri, danni mhallsa mis-socjeta` attrici fuq vettura WHN 002, assigurata comprehensive, hlief ghall-Lm100 (mitt Lira Maltin), excess, u ghal liema somma s-socjeta` attrici tinsab surrogata fid-drittijiet tal-assigurata taghha Jennifer Portelli u dan b'rizultat ta' habta li grat fil-25 ta' Novembru 2004, gol-Hamrun, waqt li int kont qed issuq il-vettura GAI 263 hbatt mal-vettura WHN 002 ta' Jennifer Portelli u misjuqha minnha, u ghal liema incident int kont unikament responsabbli.

Bl-ispejjes, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tal-15 ta' April 2005, u bl-imghax tat-8% fuq Lm221.41 mill-15 ta' April, 2005, sal-hlas effettiv, u bl-ispejjez tal-ittra ufficjali tal-lum, rikjesta mill-ligi, kontra Thos C. Smith Insurance Services Ltd bhala agenti ta' S.I.A.T., assiguraturi tal-konvenut, u nkluz Lm15 konsult, u bl-ispejjez kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta fejn inghad:-

Illi t-talbiet attrici huma totalment infondanti fid-dritt u fil-fatt ghaliex l-incident gara unikament tort u htija tal-assikurat tas-socjeta` attrici.

Salvi risposti ulterjuri fid-dritt u fil-fatt.

Sema` x-xhieda u ezamina d-dokumenti.

Ikkonsidra:

Illi l-kawza in ezami si tratta ta' kollizzjoni li l-unici persuni li xehdu kienu z-zewg sewwieqa. Terzi persuni okulari o meno ma gewx prodotti. Kif gie sostenut kemm il-darba minn dan it-Tribunal, rinfaccjat b'tali sitwazzjoni, trid issir rikorrenza ghal dawk il-fatti u/jew elementi approssimattrici li setghu taw lok ghall-okkorrenza tal-kollizzjoni.

Illi l-versjoni moghtija a tempo vergine regghet giet konfermata seduta stante.

Illi l-attrici stqarret li kellha tieqaf wara li harget minn fuq lis-*stop sign* minhabba terza vettura li giet mill-lemin taghha. Il-konvenut kien warajha, gia biex johrog warajha fl-istess direzzjoni, tefa l-ewwel *gear* u qala. Pero' meta gie biex jaqla, kien qed ihares lejn il-lemin tieghu, ghax vetturi minn hemm biss setghu jigu. Huwa kien bl-impressjoni li l-vettura tal-attrici li kienet quddiem kienet telqet. Ma setax jieqaf, baqa miexi bil-mod u dahal go fiha.

Illi ma nghatat l-ebda raguni logika da parti tal-konvenut ghaliex kellha taghmel manuvra ta' rivers. Kellha spazju bizzejjed fuq quddiem biex tohrog u tkompli ghal triqitha. Kien kaz sfortunat ghall-ahhar ghal konvenut li saba ma wiccu meta kien qed jippretendi li ma jkun hemm hadd waqt il-manuvra tal-hrug, mohhu dejjem fuq il-lemin!

Illi l-istess konvenut ikkonferma li gie siehbu, allura sid il-vettura u tkellem mal-attrici. Dana ma giex prodotti mill-attrici ghax ma kenitx taf min kien u lanqas mill-istess konvenut ghax forsi kien jikkonferma l-versjoni tal-attrici li qalet li kien qallha biex jirrangaw minghajr l-indhil tal-pulizija / warden.

Illi l-quantum tad-danni ma giex kontestat u qed jigi akkordat. Dwar excess dana ma jistax jigi ammess stante li mhux inkluzi fis-sorte. Mis-sorte jispetta mitt lira Maltin (Lm100) imhallsa mill-attrici bhala excess.

Jiddeciedi billi jiddikjara lil konvenut unikament responsabbli ghall-incident de quo! Tilqa t-talbiet attrici, jichad l-eccezzjoni tal-konvenut u jikkundannah ihallas is-somma ta' mitejn u wiehed u ghoxrin lira Maltin u wiehed u erbghin centezmu (Lm221.41) bl-ispejjes u nteressi kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------